MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1427/2000/1

**Marie Louise sive Marisa Camilleri**

**v.**

**Mario Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Lulju 2000 li taqra hekk:

"Premess illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fit-tlettax ta' Novembru elf disa' mija u sitta u sebghin (13.11.1976) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn

anness bhala Dok.A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Elisa li llum moggorenni u Vittorio li ghadu minuri.

“Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut fosthom adulterju, sevizzi, minaccji, vjolenza, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici u inkompatibilita` ta’ karattru bejn il-partijiet;

“Premess illi l-konvenut kien vjolenti matul iz-zwieg kollu.

“Premess illi l-konvenut ilu ghal zmien twil f’relazzjoni intima ma’ mara u dan waqt iz-zwieg.

“Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata b’digriet tas-Sekond Awla ta’ din il-Qorti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kopja tad-digriet hawn annessa bhala Dok.B;

“Jghid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet bi htija unikament tal-konvenut minhabba ir-ragunijiet fuq premessi;

“2. Tafda lill-attrici l-kura u kustodja ta’ uliedhom minorenni Vittorio;

“3. Tiffissa u tordna lill-konvenut ihallas ghat-tifel minuri u ghall-attrici manteniment kif jidrilha xieraq din il-Qorti;

“4. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominandi.

“5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parte d-diposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 55 tol-Kodici Civili;

“6. Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta’ divizjoni min-Nutar nominadi f’data li tigi ffissata ghall-iskop;

“7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta l-konvenuta *(korregge: konvenut)* fl-eventwali kontumacja tieghu *(korregge: taghha)* fuq l-att ta’ divizjoni relattiva;

“8. Tawtorizza lill-attrici tghix f’wahda mill-proprjetajiet li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ad eskluzjoni tal-konvenut.

“9. Tawtorizza lill-attrici terga’ tiehu kunjom xbubitha.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tad-Digriet tas-Sekond Awla u tal-proceduri quddiem dik il-Qorti tal-Mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1948/00 tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2407/00 kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, baqa’ kontumaci;
Rat li b’sentenza moghtija fl-24 ta’ Ottubru 2002, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) cahdet talba tal-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat is-sentenza moghtija mill-istess Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta’ Jannar 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal tal-partijiet, illum maggjorenni;

“[3] tilqa’ t-tielet talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

“[4] tichad ir-raba’ talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

“[5] tilqa’ il-hames u s-sitt talba, u, filwaqt li tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tordna li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni ssir kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’; u wkoll, tapplika id-dispozizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu, fil-konfront tal-konvenut;

“[6] tichad is-seba’ talba, stante li hi superfluwa;

“[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, stante li jidher li l-partijiet wasslu ghall-ftehim in propozitu;

“[8] tilqa’ id-disa’ talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjoni xbubitha ‘Mejlak Brunetti.’

“L-ispejjez ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“L-Azzjoni**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob is-separazzjoni minn ma’ zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali bejniethom tfarrket irrimedjabbilment ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut fit-termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effettti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**“Il-Fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Novembru 1976, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggorenni. Minhabba l-inkwiet li l-partijiet irriskontraw matul il-konvivenza konjugali, l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali fit-28 ta’ Mejju

2000 wara incident li fih l-istess attrici sofriet griehi ta' natura hafifa.

"L-attrici tispjega li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien wera li huwa bniedem ghajjur u possessiv, tant, li anke f'dak iz-zmien hi kienet xtaqet tittermina r-relazzjoni taghha mal-konvenut, izda kemm minnhabba l-persistenza da part tal-konvenut, kif ukoll grad ta' persuazzjoni min-naha ta' ommha, hija kienet kompliet bir-relazzjoni, u l-partijiet izzewwgu fid-data fuq indikata.

"Wara z-zwieg dawn dawn id-difett fil-karattru tal-konvenut hargu aktar, bir-rizultat li, filwaqt li huwa kien jaghmel hafna hin barra, anke minnhabba x-xoghol tieghu, l-attrici kien ikollha toqghod id-dar, u f'kaz li tohrog mid-dar kienet tkun kostretta taghti spjegazzjoni lill-konvenut. Eventwalment is-sitwazzjoni bejn il-partijiet aggravat, u l-konvenut kien sar aktar aggressiv fil-komportament tieghu, bir-rizultat li beda jizdied l-inkwiet matrimonjali, sal-grad li, fl-ahhar erba' snin tal-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien ikun aggressiv u anke vjolenti fil-konfront ta' martu.

"L-attrici tghid li hi kienet tissuspetta li zewgha kien qed ikun infidel lejha, u ssemmi lil Daniela D'Orsi, mara ta' nazzjonalita` Taljana li; u tghid f'okkazzjoni minnhom kienet hija kienet rathom f'komportament ta' kunfidenza beniethom fuq il-post tax-xoghol. Dan kompla jzid l-inkwiet bejn il-partijiet.

"Fis-sena 2000, din il-mara, allura residenti l-Italja, kienet gharrfet lill-attrici li, mir-relazzjoni ta erba' snin li kellha mal-konvenut, kien twieled tifel; u baghtitilha dokumenti in sostenn ta' dak li kienet qaltilha; fosthom certifikat tat-twelid tat-tifel[1]. Baghtitilha wkoll kopja ta' ricevuta mahruga minn lukanda f'Taormina fis-26 ta' Lulju 2000 u li turi li l-konvenut u din il-mara kienu pprenotaw kamra wahda Bed and Breakfast ghal tnejn f'din il-lukanda taht l-isem D-Orsi mill-25 sas-26 ta' Lulju 2000 [Dok.SS2].

[1] Dok.S1 fol.238 u Dok.TA1

"Illi fid-depozizzjoni tieghu tas-27 ta' Novembru 2002 il-konvenut ta spjegazzjonijiet in propozitu.
"[1] Rigward id-dokument S1, jirrizulta li dan huwa certifikat tat-twelid tat-tifel li twieled minn Daniela D'Orsi u, li juri li dan kien twieled fil-15 ta' Gunju 1997 u li l-konvenut kien irrikonoxxih bhala ibnu. Kopja ufficjali ta' dan ic-certifikat li l-aworitajiet Taljani baghtu lill-attrici tinsab esebita bhala Dok.TA1 a fol.472[2] minn fejn jirrizulta konfermat li t-tifel ta' Daniela D'Orsi kien gie rikonoxxut mill-konvenut[3].

"Il-konvenut jispjega li "jiena ma kontx qed nifhem dak li kont qed niffirma …. Jiena kont hsibt li jiena kont qed niffirma dokument li ser niehu hsieb it-tifel, jiena kont il-parrinu ta' dan it-tifel …. Hija kienet qaltli li kont ser niffirma dokument li bih nirrizulta bhala godfather, il-parrinu ta' dan it-tifel, u bhala konsegwenza dan it-tifel ma jkunx illegittimu[4]." Jghid ukoll li, ghalkemm jifhem bil-lingwa Taljana, izda ma jifhimx kollox.

"[2] Rigward il-mawra fil-lukanda f'Taormina mill-25 sas-26 ta' Lulju 2000, il-konvenut jghid li peress li huma kellhom xoghol fl-Italja, allura ftehmu li kellhom jiltaqghu Taormina.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi akkwiziti jirrizulta sodisfacentement li l-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghall-attrici minhabba l-komportament abbuziv da parti ta' zewgha fil-konfront taghha, u li jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta' l-Artikolu 40; u wkoll li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba r-relazzjoni adulteruza da parti tal-istess konvenut.

---

[2] Vol.2

[3] Jigi osserva li, ghalkemm hemm diskrepanza fix-xahar tat-twelid li hu ndikat bhala 'Mejju', din id-diskrepanza m'ghandhiex daqshekk relevanza ghall-finijiet tal-ezami odjern li jimpernja fuq ir-rikonoxximent tat-tifel da parti tal-konvenut.

[4] Fols.223 u 224.

“Illi in propozitu ghall-imputazzjoni ta’ adulterju, il-Qorti hija tal-fehma li mill-premess jirrizultaw indizji gravi u konkordanti li jwasslu ghall-provi sodisfacenti dwar l-ezistenza tar-relazzjoni adulteruza li l-konvenut kellu mal-mara fuq imsemmija.

“Il-Qorti tosserva li l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut, rigwardanti d-dokument S1, fis-sens li hu ma kienx fehem x’qed jiffirma hija nverosimili tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa negozjant li jahdem hafna mal-barranin u jsiefer ta’ spiss, anke lejn l-Italja u l-Qorti hi konvinta li l-konvenut ghandu ntelligenza u esperjenza bizzejjed biex japprezza u jifhem l-import tal-firma tieghu, partikolarment fuq dokument pubbliku bhala ma hu certifikat tat-twelid. Inoltre, ic-cirkostanzi juru li, ir-relazzjoni ma’ Daniela D’Orsi, kienet tant stretta li wasslet lill-konvenut li jaccetta li jiffirma sabiex “niehu hsieb it-tifel” taghha, u sabiex ma jkunx meqjus bhala tifel illegittimu. Ghalhekk huwa difficli li wiehed jiehu bis-serjeta` l-allegazzjoni tal-konvenut li hu ma kienx fehem dak li kien qed jiffirma ghalih fir-rigward tal-att tat-twelid tat-tifel mwieled mill-habiba tieghu.

“F’dawn ic-cirkostanzi, wiehed jifhem ukoll ghaliex, meta dawn iltaqghu f’lukanda Taormina biex iqattghu l-lejl hemm, huma hadu kamra wahda biss ghal tliet persuni, u cioe` l-konvenut, il-habiba tieghu u t-tifel.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghall-firda personali minn mal-konvenut bi htija unika tal-konvenut hija sostnuta mill-provi u, ghalhekk, hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16.

**“Manteniment**

“In propozitu l-Qorti taghmel referenza ghal kwazi kuntratt gudizzjali[5] li jirrizulta minn dak pattwit bejn il-partijiet fl-

[5] In tema legali jigi osserva li huwa maghruf li verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjali [Vol.XXIX.I.768, Vol.XXXVII.I.99]. Dan ifisser li *‘il*

udjenza tal-31 ta' Mejju 2006, li ghaliha kienu prezenti l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom.

"Dawn ivverbalizzaw hekk: "Il-partijiet jaqblu li, sakemm it-tfal isibu mpieg, il-konvenut jibqa' jghaddi lill-attrici globalment is-somma ta' Lm350 fix-xahar. Jibqa' x'jigi deciz l-ammont ta' manteniment dovut lill-attrici ghaliha wara li t-tfal isibu mpieg[6]."

"Ghalhekk il-konvenut ghandu jibqa' jhallas l-imsemmi ammont fit-termini tal-verbal fuq riportat.

**"Komunjoni tal-Akkwisti**

"Illi, fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-proceduri odjerni hadu fit-tul minhabba divergenzi bejn il-partijiet rigwardanti l-aspett patrimonjali tal-kawza; ghax, filwaqt li fil-mori tal-kawza, il-partijiet kienu wasslu biex gie formulat abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenwali, liema abbozz kien anke gie ffirmat minnhom; izda sfortunatament kien hemm xi pendenzi li ma setax isir qbir fuqhom, bir-rizultat li kellu jigi nominat perit komputista biex jghamel rapport ta' dak li fil-fatt kienu qed jaqblu fuqu l-partijiet, u anke jipprova jwassalhom ghal ftehim ahhari.

"Ghaldaqstant din il-Qorti, fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2007, kienet inkarigat lill-perit komputista biex "jipprezenta relazzjoni preliminari li fiha jindika l-assi soggetti ghal qsim, u jipproponi pjan ta' qasma, li fil-fehma tieghu hu gust ghaz-zewg partijiet, bazat in sostanza fuq dak miftiehem bejniethom[7]."

"Illi din il-Qorti, wara li ezaminat ir-rapport tal-perit komputista, u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet

---

*quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed I limiti della controversia [XXVI.I.225] in bazi ghall-massima* ***in judiciis quasi contrahitur*** [App.In. **Farrugia v. Farrugia** 16.3.2005]

[6] Vol.2 fol.603

[7] Vol.3 – fol.618

tal-partijiet, tikkunsidra ekwa u gusta, ghaz-zewg partijiet is-segwenti assenjazzjoni.

“[1] Illi l-proprjeta` numru disgha [9] Ta’ Giorni Street, San Giljan qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut, bil-privileggi u l-ipoteki u bid-dejn kollu li hemm fuqha;

“[2] Illi d-djun kollha tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-proprjeta` formanti parti din il-komunjoni, jithallsu kollha mill-konvenut;

“[3] Illi l-kont bankarju Fixed Deposit numru 897033968 kontenenti s-somma ta’ Lm3,000, jigi trasferit fl-intier tieghu fuq l-attrici;

“[4] Illi l-*ordinary shares* fil-Maltacom, bin-numru 686077 ghandhom jigu trasferiti f’isem l-attrici;

“[5] Illi s-sehem ta’ kwint [$^{1}/_{5}$] indiviz, tal-valur ta’ €11,647 (ekwivalenti ghal LM5,000), li l-partijiet ghandhom flimkien fil-garaxx fi Triq San Guzepp f’tal-Pieta`, ghandu jigi assenjat fl-intier tieghu lill-konvenut li min-naha tieghu ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta’ €5,823 (ekwivalenti ghal Lm2,500);

“[6] Il-karozza Peugeot numru JDC-484 qed tigi trasferita lill-attrici, filwaqt li l-bilanc tad-dejn li talvolta ghadu jezisti fuqha ghandu jithallas mill-konvenut;

“[7] Illi, rigward is-somma ta’ €15,257 (ekwivalenti ghal Lm6,550) migbuda mill-attrici fis-16 ta’ Ottubru 2004 mis-*savings account* 033116542050[8] intestat fuq l-attrici, l-attrici tghid, fin-nota taghha, li hija kienet tat dawn il-flus lil zewgha brevi manu sabiex bihom ihallas parti mill-prezz tax-xiri tal-fond 157 Ta’ Giorni San Giljan, u dan wara li l-istess konvenut kien heddidha li ma kienx ser jersaq ghall-kuntratt. Min-naha tieghu l-

8 Vol.3 fol.648

konvenut, fin-nota tieghu[9], jghid li dawn il-flus "ghosfru" u, ghalhekk huwa ntitolat ghal nofshom.

"In propozitu l-Qorti, fuq il-principju kardinali f'materja ta' prova li min jallega l-fatt ghandu l-oneru tal-istess fatt, tosserva li l-attrici ma gabitx provi skond il-ligi biex issostni dak allegat minnha, u cioe` li l-flus kienet ikkonsenjathom fi flus kontanti brevi manu lill-konvenut, u, ghalhekk, in mankanza ta' provi, u wkoll in mankanza tal-prova li dan il-kont kien parafernali tal-attrici, dawn ghandhom jitqiesu bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk flus appartenenti liz-zewg partijiet.

"Ghaldaqstant tordna li l-attrici tikkonsejna lill-konvenut is-somma ta' €7,629 (ekwivalenti ghal Lm3,275) rapprezentanti sehmu minn fuq imsemmi ammont.

"[8] Illi rigward is-somma ta' €20,492.20 (ekwivalenti ghal Lm8,797.30) li skond l-attrici kienet ngibdet mill-*joint account* tal-partijiet numru 1491122601, mill-konvenut f'Mejju 2000 biex nhareg *bankdraft*[10] f'isem Joseph Camilleri, hu l-konvenut, il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi f'dan ir-rigward, hija tal-fehma li [1] ma rrizultax provat min gibed l-imsemmi ammont; u [2] ma jirrizultawx provi li jistabbilixxu konnessjoni bejn dan il-kont u l-*bankdraft* mahrug lil hu l-konvenut, ghajr li z-zewg transazzjonijiet saru fl-istess data. Ma jirrizultax provat li l-*bankdraft* sar mill-flus mehuda mill-imsmemi kont. Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank li esebixxa l-i*statements* relattivi, u tosserva li d-dokument PG15 esebit minnu[11] m'ghandux in-notamenti miktubin kif hemm fuq kopja ta' dan id-dokument esebit mill-attrici[12]. Inoltre, il-*bankdraft* ma jgibx l-istess numru tal-*joint*

---

[9] Vol.3 fol.668

[10] Vol.2 fol.534

[11] Vol.2 fol.387

[12] Vol.3 fol.647 – Fuq dan id-dokument hemm miktubin il-kliem *"Joseph Serge Bank Manager in 2000 issued bill payable on Joseph D, E's Brother".* Kif korrettement osservat mill-perit komputista ma giex provat minn kiteb din in-nota prezentata mill-attrici.

*account* u lanqas juri l-istess ammont migbud mill-kont. Wkoll fix-xhieda tieghu[13] l-konvenut ma ammettiex dak allegat mill-attrici, izda qal biss li fuq il-*bankdraft* jaghraf il-firma ta' huh.

"Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit komputista li, dwar din is-somma migbuda fil-31 ta' Mejju 2000, hemm mankanza ta' provi sodisfacenti, u ghalhekk l-ammont fuq indikat m'ghandux jigi kkunsidrat fil-komputazzjoni relattiva ghal-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni.

"[9] Illi, rigward is-somma ta' €69,881 (ekwivalenti ghal Lm30,000) li l-partijiet kienu ftehmu li dan ghandha tinghata lill-attrici bhala ekwiparazzjoni ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-partijiet ghadhom konkordi fuq dan, izda hemm dizgwid dwar jekk il-valur tad-*domestic appliances* li nghataw lill-attrici mill-konvenut u x-xoghlijiet li saru ghas-spejjez tal-konvenut fil-fond tal-attrici fejn tirrisjedi flimkien mat-tfal taghhom. Il-Qorti, wara li rat il-korrespondenza, albeit bla pregudizzju, skambjata bejn il-partijiet hija tal-fehema li l-oggetti kollha ndikati fin-nota prezentata mill-attrici fil-31 ta' Mejju 2006 li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A][14] ghandhom jinghataw lill-attrici, <u>apparti</u> mis-somma fuq indikata[15].

"Illi rigward l-oggetti l-ohra mixtrija mill-konvenut biex jigi arredat il-post tal-attrici, il-Qorti taghmel referenza ghan-nota[16] tal-attrici fejn qalet li hi riedet li l-imsemmija somma tithallas f'pagament wiehed anke ghax "hi ghandha bzonn il-flus f'idejha biet tlesti u timla d-dar fejn hi u t-tfal sejrin jabitaw [lanqas kmamar tal-banju u bibien interni ma hemm], u ghalhekk it-tezi tal-konvenut li x-xoghlijiet li saru

---

13 Vol.2 fol.528

14 Vol.2 fol. 604

15 Vol.3 fol.629 – vide ittra 19 Gunju 2006

16 Vol.2. fol.483

u l-ghamara li xtara kellhom jitnaqqsu mill-imsemmija somma, ghandha hija valida.

"Illi pero` in kwantu ghall-ammont li ghandu jigi dedott mill-imsemmija somma, jigi osservat li, filwaqt li l-konvenut[17] illimita ruhu ghall-kontenut tal-prospett a fol. 624 li hu kien baghat lill-perit komputista, l-attrici pprezentat lista, hawn annessa [Appendici B][18] ta' oggetti u xoghlijiet li saru mill-konvenut, munita bir-ricevuti u fatturi rispettivi, li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' €16734.50 (ekwivalenti ghal Lm7,184.12).

"Il-Qorti thoss gust ukoll li minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu nofs l-ispejjez inkorsi ghall-ghamara biex jigu akkomodati t-tfal taz-zewg partijiet li jabitaw ma' l-attrici, u cioe` Elsa's Bedroom [€1,188 (ekwivalenti ghal Lm510)] markata [1], u kamra tas-sodda mit-*two bedrooms* markati [13], valutata [€1,102 (ekwivalenti ghal Lm473)][19] – b'kollox €2,290 (ekwivalenti ghal Lm983). Ghaldaqstant l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma ta' €69,881 (ekwivalenti ghal Lm30,000) huwa ta' €2,290 (ekwivalenti ghal Lm983), u ghalhekk l-attrici ghandha tiehu s-somma ta' €157,445 (ekwivalenti ghal Lm29,017) li ghandha tithallas mill-konvenut.  Dan l-ammont ghandu jithallas f'zewg pagamenti ugwali, l-ewwel pagament jsehh fl-1 ta' Frar 2010, u t-tieni pagament fl-1 ta' Ottubru 2010, bl-imghax tat-8% dekorribbli mill-imsemmija data, sad-data tal-pagament effettiv.

"In fine, il-Qorti tikkunsidera flokha l-osservazzjoni li, anke jekk ix- xoghlijiet li saru da parti tal-konvenut fil-fond fejn qed tghix l-attrici, u li ma gewx kunsidrati fil-komputazzjoni peress li ma ngabux provi adegwati, il-konvenut ghandu jzomm f'mohhu li dawn l-ispejjez saru <u>mhux biss biex tigi akkomodata l-attrici</u>, izda wkoll sabiex jigu akkomodati t-tfal taghhom li, ghalkemm maggorenni, baqghu jghixu ma' l-attrici.

---

[17] Vol.3 fol.669

[18] Vol.3 fol.693

[19] Nofs LM946

"[10] Tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-'*black leather/chrome chair'*, u l-*black/chrome relax chairs* ghall-beneficju tat-tifla Elisa[20]."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi:

"......thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu kif l-ewwel Qorti:

"1. Fir-rigward it-talba numru 3, l-attrici titlob il-konferma tal-manteniment ta' Lm350 fix-xahar li l-appellat irid ihallas lill-appellanta u tordna l-modalita` tal-hlas kif fuq inghad;

"2. fir-rigward it-talba numru sitta (6) ghal qsim u divizjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici taghmel referenza ghal-Kap tas-sentenza intitolat 'Komunjoni tal-Akkwisti' u titlob il-konferma fl-intier taghhom ghal-Punti numru (2), (3), (4), (5) u (6) (pagna 6 tas-sentenza); tirrevoka u thassar il-punt numru (1) (pagna (6) tas-sentenza) u tiddeciedi fis-sens illi l-proprjeta` numru 157 (Plot 9), Ta' Giorni Street, San Giljan, tigi assenjata lill-attrici, libera minn kull dejn, privileggi u ipoteki li hemm fuqha, liema dejn, privileggi u ipoteki ghandhom jithallsu mill-konvenut; u (2) l-imobbli 22, Mensija Street, San Giljan tigi assenjata lill-konvenut fl-intier taghha bil-privileggi u l-ipoteki u bid-dejn kollu li hemm fuqha; tirrevoka u thassar il-Punt numru sebgha (7) u jigi deciz illi l-attrici m'ghandhiex taghti lill-konvenut nofs l-ammont ta' Lm6,550, ghar-ragunijiet fuq stabbiliti; tirrevoka u thassar il-punt numru tmienja (8) kif deciz u tiddeciedi illi l-ammont ta' €20,492.20 (Lm8,797.30) ghandha tigi kkunsidrata fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni, u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, u l-konvenut ghalhekk ghandu jikkonsenja lill-attrici nofshom u cioe` €10,246.10, liema somma kienu ddepozitati f'*joint account* tal-Bank of Valletta p.l.c, kont numru 1491122601, u li gew irtirati unilateralment mill-konvenut kif fuq spjegat; tirrevoka u thassar in parte il-

[20] Vol.2 fol.603

Punt disgha (9) taht il-Kap 'Komunjoni tal-Akkwisti' u tiddeciedi illi l-ammont ta' Lm983 rapprezentanti nofs il-valur tal-kmamar tas-sodda tat-tfal m'ghandux jitnaqqas mis-somma globali ta' Lm30,000; u tvarja in parte il-Punt (9) tal-Kap 'Komunjoni tal-Akkwisti' fis-sens illi s-somma ta' Lm30,00 ma tithallasx f'zewg pagamenti fuq darbtejn izda tithallas f'pagament wiehed fl-intier tieghu; u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni min-Nutar nominandi f'data ffissata ghal dan l-iskop bil-modalitajiet kif fuq spjegat a skans ta' ripetizzjoni; u

"3. thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet illi s-seba' (7) talba hija superfluwa u tilqa' l-istess talba billi tiddeciedi illi tappunta kuratur biex jirraprezenta lill-konvenut appellat fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiv tal-immobbli 22, Mensija Street, San Giljan u 157, (Plot 9), Ta' Giorni Street, San Giljan u tilqa' t-talbiet kif fuq indikat u spjegat; u

"4. thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tmien (8) talba u tilqa' l-istess talba billi tiddeciedi li r-rikorrenti appellanta tghix fil-proprjeta` 157 (Plot 9), Ta' Giorni Street, San Giljan ad eskluzjoni tal-konvenut anki ghar-raguni li gie mitlub li din il-proprjeta` tigi assenjata lir-rikorrenti appellanta kif ukoll miftiehem bejn il-partijiet, u

"5. tikkonferma fil-bqija s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-risposta tal-appell ta' Mario Camilleri li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, filwaqt li ddikjara li jaqbel mal-ewwel aggravju attrici, iddikjara li ma jaqbilx mal-aggravji l-ohra tal-istess attrici u talab li dawn jigu michuda;

Rat l-appell incidentali tal-istess konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti

joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata u dan billi:

“......thassar, tirrevoka u tikancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn:

“1. Ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, u minflok tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet;

“2. Ordnat li l-konvenut appellant jibqa’ jghaddi lill-attrici appellata globalment is-somma ta’ tliet mija u hamsin Liri Maltin fix-xahar u minflok tordna li l-manteniment ghandu jigi ffissat fl-ammont ta’ sitt mija, tnejn u hamsin Ewro gia` mitejn u tmenin Liri Maltin ghar-ragunijiet suesposti;

“3. Ordnat li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni skond kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’, u wkoll fejn applikat d-dispozizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut u minflok, tordna li l-ishma tal-Maltacom illum Go Plc ghandhom jigu assenjati lill-appellant, tassenja l-fond 22, Mensija Road, San Giljan lill-appellant, tikkoregi l-izball fl-ammont konvertit minn Liri Maltin ghal-munita Ewro sabiex jaqra sebgha u sittin elf, hames mija, wiehed u disghin Ewro u *di piu* tirriduci dan l-istess ammont ghas-somma ta’ €55,718.61 ghar-ragunijiet fuq spjegati, naturalment dan l-ammont minghajr ebda pregudizzju ghall-ammonti kollha l-ohra dikjarati dovuti fis-sentenza tal-Prim Awla u li dwarhom ma sarux appelli;

“4. Ordnat li l-ispejjez ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut ghar-ragunijiet suesposti u minflok tikkundanna lill-attrici appellata sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza.

“U tikkonferma fil-bqija s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.”

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, iddikjarat li taqbel ma' wiehed biss mill-aggravji mressqa mill-konvenut appellant incidentalment, filwaqt li tinsisti li l-aggravji l-ohra ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fit-13 ta' Novembru 1976. Minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal li llum it-tnejn huma maggorenni. L-ewwel Qorti wara li semghet il-provi voluminuzi li ressqu l-partijiet, ippronunzjat is-separazzjoni personali bi htija unika tal-konvenut, ipprovdiet ghal hlas ta' manteniment mill-konvenut ghall-attrici, u ghaddiet biex itterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti allura pendenti bejn il-partijiet. Biex ghamlet dan, anke hatret perit komputista sabiex jassistiha fl-indagini taghha. Mis-sentenza appellat l-attrici li talbet ir-riforma tas-sentenza tal-ewwel Qorti filwaqt li appella incidentalment il-konvenut.

Din il-Qorti trid tibda biex tosserva li hi taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li attribwiet il-htija ghas-separazzjoni fuq il-konvenut. Apparti l-fatt li jirrizulta li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' martu, jirrizulta wkoll b'mod car l-adulterju tieghu ma' persuna ta' nazzjonalita` taljana, bl-isem ta' Daniela D'Orsi. Din il-mara stess infurmat lill-attrici li kellha relazzjoni adultera mal-konvenut, u pproduciet certifikat tat-twelid ta' tifel li twieled minn din ir-relazzjoni; minn dan ic-certifikat jidher li l-konvenut kien irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu. Din il-mara kienet anke baghtet lill-attrici rcevuta mahruga minn lukanda f'Taormina, fi Sqallija, li minnha jirrizulta li bejn il-25 u s-26 ta' Lulju 2000, il-konvenut u din Daniela D'Orsi kienu pprenotaw <u>kamra wahda</u> ghal tnejn taht l-isem Camilleri-Orsi. Din il-Qorti ma tarax li ghandha zzid fuq

dak li kkumentat l-ewwel Qorti fuq dawn ic-cirkostanzi, u lanqas tara li ghandha tvarja l-konkluzjoni milhuqa li tghabbi lill-konvenut bil-htija kollha ghas-separazzjoni.

Ghar-rigward l-ordni ta’ hlas ta’ manteniment, hawn ukoll din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li taghti effett lill-ftehim milhuq mill-partijiet u li gie verbalizzat fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2006 mizmuma quddiem l-ewwel Qorti. Kif inhu risaput, verbal tal-partijiet irregistrat mir-Registratur fl-atti ta’ kawza ghandu forza ta’ kuntratt, li ghandu jinghata effett mill-Qorti – ara **Debono v. Grogan**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-23 ta’ Jannar 2009, **Maltawide Properties Ltd v. Ellul et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Gunju 2008 u **Theuma v. Vella**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta’ Jannar 2010.

F’dan il-verbal, il-partijiet qablu li sakemm it-tfal isibu impieg, il-manteniment dovut lill-attrici ghandu jkun ta’ Lm350 fix-xahar; wara li t-tfal isibu impieg, l-ammont ta’ manteniment ikun irid jigi deciz. Dak li fuqu jaqblu l-partijiet f’<u>kuntratt</u> ma jistax jigi mibdul mill-Qorti, jekk mhux ghar-ragunijiet eccezzjonali u imprevisti, u ghar-ragunijiet li jmorru lil hinn mill-volonta` tal-partijiet (ara **Grech v. Grech** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ April 2004). Ma jirrizultax li t-tfal ghandhom “impieg” kif miftiehem, u, f’kull kaz, anke jekk dawn ikollhom impieg, la darba l-partijiet ma qablux kemm ghandu jkun manteniment, din tkun trid tigi ffissata mill-Qorti kompetenti fuq istanza ta’ min hu interessat.

Din il-Qorti sejra issa tqis l-osservazzjonijiet li ghamlu l-partijiet fil-kuntest tal-komunjoni tal-akkwisti.

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi fuq il-fond 157 (Plot 9), Ta’ Giorni Street, San Giljan, ghax giet zgwidata mir-rapport tal-perit komputista li haseb li dan il-fond u l-fond 22, Mensija Street, San Giljan, huma l-istess fond. Dwar din il-proprjeta` l-partijiet kienu wkoll waslu fi ftehim li gie registrat ukoll fil-verbal tal-31 ta’ Mejju 2006, quddiem l-ewwel Qorti. Skond dan il-ftehim, il-fond 157 (Plot 9), Triq Ta’ Giorni, kellu jinghata lill-attici, u l-fond f’Ta’ Mensija Street (numru 22) kellu

jinghata lill-konvenut. Il-konvenut ukoll assuma li jhallas hu kull dejn gravanti l-istess fond li gie assenjat lill-attrici, u cioe`, il-*home loan* li hadu l-partijiet ghall-akkwist tieghu. Dan il-ftehim jorbot lill-partijiet inattez xi differenza li jista' jkun hemm fil-valuri ta' dawn il-proprjeta`. Isegwi li, kif talbet l-attrici, is-sentenza tal-ewwel Qorti taht il-kap 'Komunjoni tal-Akkwisti' ghandha tigi varjata billi **(1) l-proprjeta` numru 157 (Plot 9), Ta' Giorni Street, San Giljan, tigi assenjata lill-attrici, u kull dejn, privileggi u ipoteki ghandhom jigu onorati u jithallsu mill-konvenut; u (2) l-immobbli 22, Mensija Street, San Giljan tigi assenjata lill-konvenut fl-intier taghha bil-privileggi u l-ipoteki u bid-dejn kollu li hemm fuqha.**

Bit-tieni aggravju taghha, l-attrici qed tilmenta mill-ordni tal-ewwel Qorti li kkundannata tirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm3,275 (ekwivalenti ghal €7,629) nofs is-somma ta' Lm6,500 li hi zbankat mill-kont bankarju taghha, izda li kienu jappartjenu lill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Hi tghid li ghaddiet dawn il-flus in kontanti lill-zewgha biex iservu bhala depositu ghax-xiri tad-dar fi Triq Ta' Giorni, pero`, ma gabet ebda prova ta' dan. Li jirrizulta mill-atti hu biss l-izbank maghmul minnha, u l-ewwel Qorti dehrilha li ma taghtix affidament lill-attrici dwar dan il-punt. L-attrici ma ppruvatx la li tat il-flus lill-zewgha, lanqas li ntuzaw ghax-xiri tal-fond fi Triq ta' Giorni. Din il-Qorti, kwindi, tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fejn ordnat ir-rifuzjoni tas-somma msemmija.

Bit-tielet aggravju taghha l-attrici ilmentat li mis-somma li zbanka l-konvenut fil-31 ta' Mejju 2000, il-gurnata li hi telqet mid-dar matrimonjali, mill-*joint account* taghhom, hi ma gietx moghtija sehemha. Din il-Qorti tara li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, jirrizulta li f'dik il-gurnata l-konvenut zbanka s-somma ta' Lm8,797.30 mill-*joint account* tal-partijiet u halla bilanc ta' Lm1.30 biss fil-kont. <u>Dakinhar stess</u> il-konvenut ghamel *bank draft* ghall-Lm9,079 fuq isem huh! Il-flus gew originarjament depozitati f'dan il-kont mill-attrici wara li, fuq struzzjonijiet minn zewgha, telghet l-Ingilterra u zbankathom minn kont li kellhom il-partijiet f'dak il-pajjiz. Din il-Qorti hi konvinta li l-konvenut zamm dawn il-flus

ghalih billi holoq strattagemma biex idawwar l-istess fuq isem huh.

**Ghalhekk jidher car illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghandha tigi modifikata billi jigi deciz li l-ammont ta' €20,492.20 (Lm8,797.30) ghandu jigi kkunsidrat fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, u l-konvenut ghalhekk ghandu jikkonsenja lill-attrici nofshom u cioe` €10,246.10, liema somma kienu ddepozitati f'*joint account* tal-Bank of Valletta p.l.c, kont numru 1491122601, u li gew irtirati unilateralment mill-konvenut kif fuq spjegat.**

Fil-kuntest tar-raba' aggravju tal-attrici, din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak sottomess mill-attrici li mis-somma ta' Lm30,000 li l-attrici accettat li tiehu bhala sehemha min-negozju li kellhom il-partijiet, la ghandha tnaqqas is-somma ta' Lm983, rapprezentanti nofs il-valur tal-kamra tas-sodda tat-tfal, u lanqas ghandu jigi ordnat li din is-somma ghandha tithallas f'zewg pagamenti. Il-partijiet qablu li l-attrici tinghata s-somma ta' Lm30,000 mill-konvenut u dan gie registrat ukoll fil-verbal imsemmi tal-31 ta' Mejju 2006. Ma saru ebda riservi ghal din is-somma, hlief li bejn il-partijiet kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-modalita` tal-hlas. Is-somma ta' Lm30,000, il-partijiet waslu ghaliha wara li zgur qiesu dak kollu li kellu jigi meqjus u darba sar qbil fuqha, m'ghandux ikun hemm tnaqqis b'operazzjoni tal-Qorti. Lanqas ma tista' l-Qorti tordna li l-hlas ikun mqassam fuq darbtejn. Darba li jigi stabbilit kreditu, xoghol il-Qorti hu li tikkanonizza l-istess u tordna l-hlas tieghu, u mhux kompitu taghha li tistabilixxi kif dak il-kreditu kellu jithallas. Jekk il-partijiet ma jaqblux dwar il-modalita` ta' hlas, il-Qorti ma tistax hi tistabilixxi programm ta' pagament, izda trid tieqaf mal-kundanna ghal-hlas.

Ghalhekk, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attrici li l-punt 9 mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghandu jigi varjat fis-sens illi qed jigi deciz illi **l-ammont ta' Lm983 rapprezentanti nofs il-valur tal-kmamar tas-sodda tat-tfal m'ghandux jitnaqqas mis-somma globali ta'**

**<u>Lm30,000, u illi s-somma ta' Lm30,000 ma tithallasx f'zewg pagamenti fuq darbtejn izda tithallas f'pagament wiehed fl-intier tieghu.</u>**

Ghal kull buon fini, jigi ccarat li s-somma ta' Lm30,000 hija ekwivalenti ghal €69,881.20 u mhux kif erroneament indikat mill-ewwel Qorti.

Rigward l-ilmenti tal-konvenut dwar l-ishma tal-Maltacom u spejjez li jridu jitnaqqsu mis-somma dovuta lill-attrici, din il-Qorti tirrileva li filwaqt fil-verbal tal-31 ta' Mejju 2006, gie registrat nuqqas ta' qbil dwar l-ishma, il-partijiet, sussegwentement ftehmu li dawn jigu assenjati lill-attrici. Dan il-ftehim irregistrah il-perit komputista fir-rapport tieghu, u l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu stqarr li hu kien jaqbel li l-ishma fil-Maltacom "jinghataw lilha".

Dwar l-allegazzjoni li kellhom jitnaqqsu "spejjez ohra" mis-somma ta' Lm30,000 gia` inghad li din is-somma waslu ghaliha bi qbil iz-zewg partijiet, u ghandha tithallas lill-attrici ghas-saldu ta' sehema minghajr tnaqqis. Il-partijiet ftehmu li l-attrici zzomm id-dar 157 (Plot 9) Triq Ta' Giorni bl-ghamara u l-arredament, u dan kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti a bazi tad-diskussjonijiet li ghaddew bejn il-partijiet dwar x'kellha tirrifletti s-somma ta' Lm30,000 li kellha tiehu l-attrici. Ghalhekk minn din is-somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis u ghandha tithallas kollha kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-konvenut, tilqa' in parte l-appell principali tal-attrici, fis-sens li tilqa' l-ewwel, it-tielet u raba' aggravji taghha, izda tichad it-tieni u l-hames aggravji, u ghalhekk, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti hlief li tvarjaha biss safejn u kif jirrizulta mill-partijiet sottolineati u *in bold* ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu, kwantu ghall-appell incidentali, mill-istess konvenut appellant incidentalment, u kwantu ghall-appell principali, zewg

partijiet minn hamsa ($^{2}/_{5}$) mill-attrici appellanti, u tliet partijiet minn hamsa ($^{3}/_{5}$) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------